MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2012

Numru. 942/2012

**Il-Pulizija**
**[Spettur Daryl Borg]**

**vs**

**Yaasin Aweis Isxaaq**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Yaasin Aweis Isxaaq detentur tal-karta tal-identita` numru 73239(A).

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer nhar il-15 ta' Settembru 2012, ghall-habta tat-tlieta u ghoxrin ta' filghodu (03:20hrs):
Ikkommetta serq ta' mobile phone tal-ghamla 'Samsung' illi jiswa €400 minn gewwa Nordic Plus Bar li jinsab f'Turgien Santa Rita, San Giljan u/jew vicinanzi, liema serq huwa aggravat bil-hin u bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' Daniela Zammit li ghandha numru tal-karta tal-identita` 502591M.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 267 u 270 tal-Kodici Kriminali; u
Rat illi l-imputat irregistra ammssjoni ghall-akkuza kif dedotta kontrih, u rega' ikkonferma tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 280 tal-Kap. 9, qed issib lil-imputat Yaasin Awies Isxaaq hati tal-akkuza kif dedotta kontriha u qeghda tikkundannah sitt (6) xhur prigunerija sospizi ghal sentejn u dan a bazi tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligjiet ta' Malta.

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------